DIĊEMBRU 2025

# IS-SEMINARJU










# "ĦUDU ĦSIEB IL-QALB. KUNU BENNEJJA TAL-GĦAQDA U TAL-PAĊI"

DUN JIMMY BONNICI | RETTUR

"Dan il-ġiri kollu għalfejn? Nafu 'l fejn qed niġru?" Din il-mistoqsija li ħabib tiegħi poġġa fuq il-mezzi soċjali, laqtitni. U nemmen li t-tema li għażilna għal din is-sena tista' tgħinna.

**"Ħudu ħsieb il-qalb".**

Hekk qal il-Papa Ljun XIV lis-seminaristi fl-24 ta' Ġunju 2025. Għaliex? Għax l-għan huwa li "ssiru bnedmin kuntenti, qassisin kuntenti, 'pontijiet' u mhux ostaklu biex dawk li jiġu għandkom jiltaqgħu ma' Kristu ... Kif Ġesù ħabbna b'qalb umana, hekk intom imsejħa biex tħobbu bil-qalb ta' Kristu."

**Għażla impenjattiva**

Għall-Papa Ljun, li nieħdu ħsieb il-qalb ifisser li ma nikkuntentawx bil-medjokrità: "Intom imsejħa biex ikollkom passjoni għall-ħajja saċerdotali, li tgħixu l-preżent b'mod sħiħ u li tħarsu lejn il-futur b'qalb profetika."

Ifisser ukoll li timxi t-triq lejn il-ġenwinità: "billi twarrbu minnkom kull maskra u kull ipokresija. Filwaqt li żżommu ħarsitkom fuq Ġesù, tgħallmu agħtu isem u leħen ukoll lin-niket, lill-biża', lit-tensjoni, lir-rabja, billi nġibu kollox fir-relazzjoni ma' Alla. Il-kriżijiet, il-limitazzjonijiet, id-dgħufijiet m'għandniex naħbuhom, imma huma pjuttost okkażjoni ta' grazzja u esperjenza tal-Irxoxt."

**Komunità ta' tmien seminaristi**

Dan il-vjaġġ qed nagħmluh flimkien bħala komunità: żewġ seminaristi fl-ewwel sena - Adam Camilleri (in-Naxxar) u Joseph Farrugia (il-Gudja) – flimkien ma' Anis Riahi (Marsaskala), Daniel Abela (Ħad-Dingli), Luke Vella (Ħaż-Żabbar), Marvic Mallia (l-Imqabba) u André Psaila (Kristu Re, Raħal Ġdid). Adam Baldacchino (San Girgor, Tas-Sliema) qed jagħmel l-esperjenza tas-sena barra u għandna magħna lis-seminarista René Brandýs mis-Slovakkja.

Napprezzaw li qed takkumpanjawna f'dan il-vjaġġ – sakemm inħobbu bil-qalb ta' Ġesù.



# "SA TRUF L-ART" - ATTI 1:8

**DANIEL ABELA** | SENA V



Dejjem kelli mħabba speċjali lejn il-pajjiżi tal-Ażja u meta bdejt il-mixja tiegħi fis-Seminarju dejjem ħarist lejn ir-raba' sena bħala spazju li fih stajt nagħmel esperjenza f'xi knisja fl-Ażja. Kelli x-xewqat tiegħi, imma l-Mulej offrieli esperjenzi ħafna isbaħ f'erba' esperjenzi differenti fi tliet pajjiżi differenti: fil-Malażja, it-Tajwan u t-Tajlandja. Fil-Malażja u t-Tajwan għext disa' xhur ta' esperjenzi pastorali differenti. Fit-Tajlandja kelli esperjenza profonda ta' Alla waqt irtir Injazjan ta' xahar sħiħ.

Jekk ikolli nirrakkonta l-esperjenzi kollha għandi fejn nikteb ktieb. Li naf żgur li hemm iltqajt ma' Knisja ġeneruża, fejn mhux biss qatt ma naqasni xejn, imma tawni iktar milli kelli bżonn. Sibt wkoll Knisja mimlija bil-ferħ veru tar-relazzjoni tagħhom ma' Ġesù u sens ta' komunità ħajja flimkien ma' Ġesù. Matul din is-sena erġajt skoprejt f'dawl ġdid x'jiġifieri tkun Nisrani mimli ferħ veru. Li titbissem il-ħin kollu, mhux għax iblah, imma għax mimli bil-paċi ta' Ġesù f'qalbi.

Bnejt ħafna relazzjonijiet sbieħ tul din is-sena u kienet avventura twila fejn tgħallimt u kbirt b'mod uman u spiritwali. 'Il bogħod mid-dar tgħallimt inħobb iżjed l-għeruq tiegħi, filwaqt li komplejt nissaħħaħ b'tant imħabba li rċevejt, u li stajt qsamt ma' dawn in-nies. U fejn fit-trufijiet tal-art sibt iċ-ċentru ta' ħajti: Ġesù li jkompli jsejjaħli.



# INSIBU SAQAJNA!

**ADAM CAMILLERI** | SENA I

Bħala seminarista, fil-bidu ta' dan il-vjaġġ, ħassejt li tajjeb nikteb fuq l-esperjenza tattranżizzjoni mis-sena propedewtika għall-ewwel waħda ta' formazzjoni.

Kien proprju fid-9 ta' Jannar ta' din is-sena meta, flimkien mas-Seminarista Joseph Farrugia, bdejna ż-żmien propedewtiku tagħna fis-seminarju. Bla dubju, fl-ewwel ftit ġimgħat ħassejt taħlita ta' eċitament, biża' mill-ġejjieni u sens ta' merħba kbira mill-komunità tas-seminarju. Tul dan iż-żmien irċevejt xi formazzjoni bażika f'suġġetti varji bħal-Latin u l-Ispiritwalità. Bħal f'kollox, fis-seminarju, ż-żmien tar u lejn l-aħħar ta' Settembru dħalt is-seminarju bħala seminarista. Il-bidla hi waħda sostanzjali, minn "spettatur" tal-ħajja seminaristika għal membru attiv, minn għalliem għal student universitarju, u fuq kollox minn propedewtiku għal seminarista. Tal-aħħar kienet bidla li lqajtha b'ferħ kbir u b'responsabbiltà kbira, lewwel nett għaliex aħna "wiċċ" is-seminarju u t-tieni għax aħna, bħala seminaristi, nitqiesu bħala punt ta' referenza għal dawk li qed jiddixxernu s-sejħa tagħhom.

Meta nħares lura lejn il-mixja mill-ewwel ġimgħa bħala propedewtiku sa issa bħala seminarista, nara mixja ta' għotja, ta' fiduċja u ta' fidi. Bla dubju mumenti ta' diffikultà taffaċċja wkoll, iżda permezz tat-talb, ta' persuni biex jiggwidawk u komunità tassew fraterna, tkompli tagħraf it-triq li biha taqdi bl-aħjar mod lil Alla u l-Knisja.



# L-EWKARISTIJA FIL-ĦAJJA TAS-SEMINARISTA

**ANDRÉ PSAILA** | SENA VI

Ftit ilu rċevejt il-Ministeru tal-Akkolitat, pass importanti fil-vjaġġ vokazzjonali lejn is-saċerdozju. Dan il-ministeru hu relatat b'mod speċjali mal-Ewkaristija – il-quċċata u l-għajn tal-ħajja tal-Knisja – li biha l-poplu ta' Alla jinbena u jikber. L-Akkolitu msejjaħ biex jaqdi qrib l-artal, jgħin lis-saċerdoti u lid-djakni fil-qadi tal-ministeru tagħhom, u jqarben lill-fidili bil-Ġisem ta' Kristu.

Permezz ta' dan il-ministeru, tiġi enfasizzata l-imħabba lejn il-Ġisem Mistiku ta' Kristu, li hu l-poplu ta' Alla. Dan kollu għandu jiġi attwat permezz tax-xhieda ħajja ta' mħabba, biex b'hekk jiġi mħares sewwa l-kmandament li l-Mulej ta lid-dixxipli tiegħu: "Ħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien." Lejn l-aħħar tar-rit, meta l-Arċisqof ippreżentali l-ħobż li wara kien se jiġi kkonsagrat, qal, "Ħu l-ħobż għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija Mqaddsa, u għix b'mod li jkun jixraqlek taqdi fil-mejda tal-Mulej u fil-Knisja."

Dan il-ministeru mhuwiex biss dwar funzjonijiet liturġiċi li l-Akkolitu jista' jagħmel, imma jħaddan vokazzjoni ta' servizz u qima interjuri. Kif jgħid il-Papa San Pawlu VI, l-Akkolitu għandu jitgħallem kollox dwar il-qima divina pubblika u jifhem ittifsira spiritwali ta' dak li jwettaq; biex kuljum joffri lilu nnifsu għalkollox lil Alla, u jkun ta' eżempju għal kulħadd bl-imħabba lejn il-poplu ta' Alla, b'mod speċjali lil dawk li huma dgħajfa u morda.



# X'GĦADDA M


1


2




4




8



1. 30 ta' Mejju, 2025 - Quddiesa u Via Lucis
2. 12 ta' Ġunju, 2025 - Ċelebrazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù mal-ġenituri u l-benefatturi tas-Seminarju
3. 15 - 20 ta' Settembru, 2025 - Irtir tal-bidu tas-sena formattiva
4. 14 ta' Ottubru, 2025 - Quddiesa ma' dawk li ħdimna magħhom fis-sajf
5. 23 ta' Ottubru, 2025 - Lejliet il-Mater Admirabilis

# MINGĦALINA?


3


4


5


6


7


8


9

6. 24 ta' Ottubru, 2025 - Ċelebrazzjoni tal-Mater Admirabilis mal-ġenituri u l-benefatturi tas-Seminarju
7. 28 ta' Ottubru, 2025 - Ġurnata Missjunarja
8. 8 ta' Novembru, 2025 - Ħarġa ta' San Martin
9. 17 ta' Novembru, 2025 - L-għoti tal-Ministeru tal-Akkolitat ta' André Psaila

# IL-KONKLAVI U Ċ-ĊENAKLU

**LUKE VELLA** | SENA V

L-esperjenza tal-Appostli msakkrin fil-kamra ta' fuq wara l-kruċifissjoni ta' Ġesù dehret riflessa b'mod profond fl-atmosfera tal-konklavi ta' Mejju li għadda. Iż-żewġ mumenti huma kkaratterizzati minn bibien magħluqa, mis-skiet, u l-bżonn ta' gwida divina f'nofs id-dgħufija umana.

Wara l-mewt ta' Ġesù, id-dixxipli ssakkru f'kamra mimlijin biża' u inċertezza; iżda kien proprju f'dak l-ispazju li l-Mulej irxuxtat deher fosthom u qalilhom: "il-paċi magħkom", liema frażi ttrasformat id -dispramenti f'tama, u l-biża' f'missjoni.

Fl-istess spirtu, il-konklavi wkoll jiġbor lis-suċċessuri tal-appostli bejn il-ħitan magħluqa tal-Kappella Sistina. Madanakollu, il-kardinali, f'attitudni ta' umiltà u talb, jistabru bil-kelma ta' Ġesù li "jien dejjem magħkom sal-aħħar taż-żmien."

Bl-istess awgurju ta' Kristu Rxuxtat, il-Papa Ljun XIV sellem lid-dinja bit-tħabbira tal-paċi u fuq kollox li Alla huwa dejjem rebbieħ.

F'din l-esperjenza, wieħed jista' jixhed il-mod kif Alla jibdel l-għeluq f'laqgħa, u li mis-skiet u l-ġabra titwieled missjoni li ġġedded il-fidi u ssaħħaħ lill-Knisja magħmula minna l-midinbin salvati bil-grazzja tiegħu.




**Segwi r-riflessjonijiet dwar il-Papa Ljun XIV hawn:**

# IL-GRIŻMA TAL-MORDA - DILKA TA' TAMA

**MARVIC MALLIA** I SENA V

Matul ix-xhur tas-sajf, is-seminaristi jkunu qed jagħmlu esperjenza differenti f'xi realtà fejn il-Knisja twettaq il-ħidmiet tagħha. Dan is-sajf kelli l-opportunità li nkun preżenti mal-qassisin li qed joffru l-ħidma pastorali tagħhom ġewwa l-Isptar Mater Dei. Din kienet esperjenza unika li laqqgħatni direttament mal-umanità fi-lvulnerabbiltà tagħha. L-isptar hu l-post fejn tgħix ma' oħrajn esperjenzi li jġibu ferħ, ngħidu aħna twelid ta' tarbija jew fejqan minn xi marda, imma hu wkoll relatat ma' esperjenzi ta' tbatija kbira.

F'din l-esperjenza tal-vulnerabbiltà tagħna hemm is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Bih tingħata "grazzja speċjali lin-Nisrani li jkun għaddej mid-diffikultajiet proprji ta' marda gravi jew ta' xjuħija dgħajfa." (KKK, 1520) Fih diversi effetti, fosthom li min jirċevih jinħafrulu dnubietu u li jekk tkun ir-rieda t'Alla, il-persuna tirċievi wkoll is-saħħa fiżika mill-ġdid.

Minkejja li dan is-sagrament ma joffrix il-garanzija ta' fejqan fiżiku, fih hemm il-preżenza ta' Kristu fil-persuna tal-qassis li joffri sabar u paċi kemm lill-marid kif ukoll lill-qraba tiegħu. F'dan is-sagrament rajt il-qrubija tal-qassis f'mumenti ta' vulnerabbiltà u x-xewqa tal-marid għas-salvazzjoni li ġabilna Ġesù.

Jien kont nikkontribwixxi billi nkun viċin tal-persuna fit-tbatija tagħha, nismagħha, u nitlob għaliha. Kont naf li meta l-ħajja fuq din l-art kienet qed tasal biex tintemm, it-tama kienet tibqa' b'saħħitha, dik tas-salvazzjoni għall-ħajja ta' dejjem.



# “EJJEW WARAJJA” - MATTEW 4:19

**ANIS RIAHI** | SENA III

Id-dixxerniment hu proċess profond u intensiv, fejn wieħed jieqaf mill-ħajja mgħaġġla ta’ kuljum biex jisma’ lil Alla u jara għal xiex qed isejjaħlu. Hu wkoll żmien fejn wieħed iwieġeb b’mod sinċier u kuraġġuż għal dik is-sejħa.

Is-seminaristi, darba kull erba’ ġimgħat – bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd – jieħdu sehem fil-Live-In organizzat miċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet. Għall-grazzja t’Alla, in-numru ta’ dawk li jattendu hu sabiħ. Diversi persuni li jkunu qed iħossu sejħa għall-ħajja saċerdotali jew reliġjuża jsibu f’dan l-ispazju ambjent fejn jistgħu jiltaqgħu ma’ persuni kapaċi jgħinuhom fil-proċess tad-dixxerniment tagħhom.

Is-seminaristi jippreparaw laqgħat għal gruppi differenti, imsejsa fuq temi varji skont l-età tal-parteċipanti. Jorganizzaw ukoll attivitajiet għal mumenti inqas formali, u jieħdu ħsieb il-mumenti ta’ talb quddiem Ġesù Ewkaristija, kif ukoll lanimazzjoni tal-quddiesa.

Wara dan kollu, hemm ħafna xogħol li jsir fis-skiet u bi mħabba kbira. Apparti xxogħol siewi li jsir fi ħdan iċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet, hemm ukoll realtà qawwija ta’ talb għal aktar vokazzjonijiet. Kuljum, il-komunità maġġuri żżomm fit-talb tagħha lil dawk kollha li qed iħossu sejħa vokazzjonali.

Huwa essenzjali li anke int, li qed taqra dan l-artiklu, titlob lil Sid il-ħsad biex jibgħat aktar ħaddiema għall-ħsad tiegħu!



# GĦALIEX IVA?!

**DUN JAMES SAYDON** | DIRETTUR TAĊ-ĊENTRU TAL-VOKAZZJONIJIET

Għaliex iva?! Għaliex saċerdot? Żgur li din il-mistoqsija f'xi ħin jew ieħor telgħet fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna! Żgur li f'xi ħin jew ieħor qabditna kurżità x'ġiegħel dak is-saċerdot jitlaq kollox u jgħid iva għas-sejħa tiegħu mingħand il-Mulej. Għaldaqstant bħala parti mill-ħidma taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet, ħsibna li nagħmlu serje ta' poddati (podcasts) ma' saċerdoti differenti fejn jirrakkuntaw l-istorja tal-vokazzjoni tagħhom u għaliex jaħsbu li hu worth it li tkun qassis fid-dinja tal-lum. L-għan tal-poddata huwa li bl-esperjenzi ta' kif skoprew is-sejħa tagħhom u l-isfidi u l-opportunitajiet li jiltaqgħu magħhom, is-saċerdoti jgħinu lil ħaddieħor, speċjalment liż-żgħażagħ, jaraw is-sbuħija tas-sejħa ta' Alla. Ix-xewqa tagħna hi wkoll li dawn it-taħditiet ikunu sinjal ta' tama għal dawk li għadhom qed jaħsbu jgħidux 'iva' lil Alla, kif ukoll inkoraġġiment għal dawk li diġà huma saċerdoti, kemm żgħar kif ukoll kbar fl-età. Jekk għadkom ma rajtuhomx inħeġġukom issegwu dawn il-poddati permezz tal-QR code t'hawn isfel u tgħadduhom lil żgħażagħ li taħsbu li jistgħu jkunu ta' ġid għalihom!

Għaliex iva?! hu proġett taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet tas-Seminarju f'kollaborazzjoni mal-Arċidjoċesi ta' Malta.



**Segwi l-episodji kollha ta' Għaliex Iva?! hawn:**

# TIXTIEQ TGĦIN LIS-SEMINARJU?

Ta' kull sena aħna nafdaw fil-ġenerożità tiegħek u fl-għajnuna li dejjem offrejt lis-Seminarju.

Flimkien mat-talb tiegħek tista' tgħin billi:

Tibgħat ċekk bl-offerta tiegħek indirizzat 'Is-Seminarju tal-Arċisqof' fl-indirizz postali:

**Seminarju tal-Arċisqof, 90, Triq Tal-Virtù, Rabat RBT 2604.**

Tgħaddi l-offerta tiegħek lis-Seminarju fuq il-kont tal-APS Bank plc – dettalji tal-kont:

**The Archbishop's Seminary – Major**
**IBAN Number: MT15APSB77068000499110499130014**
**SWIFT Code: APSBMTMT**

Tħallas borża ta' studju ta' €600 (jew parti minnha) li tista' tħallasha f'daqqa jew tagħżel li tħallas ammont żgħir kull xahar kemm tixtieq int.

Grazzi mill-qalb tal-għajnuna u s-sehem tiegħek fil-formazzjoni tas-Seminaristi.



+356 2145 5497/8 seminary.org.mt info@seminary.org.mt seminary.malta